# Mons. Dun Ġwann Dumink Attard it-Tieni, u l-Ewwel Kappillan Wild Ħal Lija

TAGĦRIF

Louis Fenech

Fi Frar tal-1994, Ħal Lija iċċelebrat l-400 sena minn meta ġiet iddikjarata Parroċċa minn Mons. Tommaso Gargallo, u t-300 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali li għandna llum, fuq il-pjanta tal-arkitett u inġinier wild Ħal Lija – Ġanni Barbara.

Kienet ġrajja storika li għal dan l-għan kien twaqqaf – minn sena qabel – kumitat bil-ħsieb li l-għaqdiet kollha ta' Ħal Lija jingħaqdu, bħalma kienu ingħaqdu missierijietna dawk iż-żminijiet biex titwaqqaf parroċċa f'Ħal Lija. Flimkien f'għaqda waħda u ħsieb wieħed kien tfassal pjan ta' attivitajiet li jikkommemoraw dawn iż-żewġ dati important fl-annali ta' Ħal Lija. U biex tibqa' mfakkra din il-ġrajja kienet saret lejla Mużiko-Letterarja, li l-kitbiet li nqraw mill-kontributuri u riċerkaturi ta' fama ġew miġbura u mitbugħa fi ktejjeb - ***Ħal Lija – Ħarsa lejn l-Imgħoddi***.

Fl-1575 kien mibgħut mis-Santa Sede visitatur appostoliku biex iberred il-ferment li kien inqala' bejn il-Gran Mastru Le Cassier u l-Isqof ta' dak iż-żmien, Royas. Mons Pietro Dusina, barra li jsib tarf tal-inkwiet bejn dawn it-tnejn, ried ukoll jara li d-digrieti li kienu ħarġu mill-Konċilju ta' Trentu jiġu osservati hawn Malta wkoll. Għalhekk kien għamel vista Appostolika ma' Malta kollha fejn ħallielna dokument importanti ħafna għall-istorja demografika, kulturali eċċ., ta' kif kienu jgħixu l-Maltin dawk iż-żminijiet.

Kien It-Tlieta, l-1 ta' Frar tal-1575 meta Dusina kien ġie Ħal Lija fejn dar il-knejjes kollha li kien hawn, u anke tana deskrizzjoni tal-istat li kienu jinsabu fih. In-nies ta' dawk iż-żminijiet dejjem xtaqu li jinqatgħu minn B'Kara u Ħal Lija ssir parroċċa għaliha. Għalhekk kienu talbu lil Mons Dusina biex iwettaq il-ħsieb ta' missierijietna. Iżda billi l-kappillan ta' B'Kara Dun Ġużepp Bellia qatt ma ried jerħi lil Ħal Lija, ma qabilx ma' din ix-xewqa. Mons Dusina ma qatax xewqet il-poplu ta' Ħal Lija. Għażel lill-knisja ta' Sant'Andrija, għax billi kienet f'nofs ir-raħal kienet aktar adattata biex in-nies jinqdew spiritwalment. Kien waqqaf fiha il-fratellanza tas-Sagrament, u ordna wkoll li jitħaffru oqbra biex isir dfin xieraq. (*Wieħed irid jifhem li qabel, id-dfin kien isir differenti millum, billi kienet titħaffer ħofra u ġo fiha kienu jindifnu aktar minn kadavu wieħed*). Il-poplu kellu jikkuntenta b'din id-deċiżjoni sakemm kellu jmut il-kappillan Bellia, f'Jannar tal-1594.

*"Id-dfin kien isir differenti millum, billi kienet titħaffer ħofra u ġo fiha kienu jindifnu aktar minn kadavu wieħed"*

Mons Tommaso Gargallo kien qed jagħmel il-vista pastorali ma' Ħal Lija,

*"Ganni Attard kien imsejjaħ mill-Gran Mastru Wignacourt biex ikompli fejn ħallew l-inġinieri li kien ġab biex imexxu il-proġett tal-ilma."*

u l-poplu reġa' talab lil Mons Gargallo jaqtagħlhom xewqithom billi wrewh li ma kienux moqdijin spiritwament tajjeb minn B'Kara. Tant hu hekk li Dun Bellia kien jitla' biss darbtejn fis-sena biex jammnistra is-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. Għalhekk ħataf l-opportunità "bil-mewt u x-xkiel" ta' Dun Bellia, u b'digriet tas-6 ta' Frar 1594, iddikjara lil Ħal Lija Parroċċa, ddedikata lis-Santissmu Salvatur. Iżda bħala knisja kien għażel il-knisja tas-Salvatur (il-Qadim), li kienet akbar, u għalkemm kienet f'tarf ir-raħal kienet taqdi l-ħtiġijiet kollha ta' knisja parrokkjali, inkluż li kellha oqba għad-dfin. Fit-18 ta' Frar Gargallo ħatar lil Dun Mario Grech, minn Ħal Qormi, bħala l-ewwel kappillan. Dun Mario kien dam kappillan 44 sena, li matulhom kienet tkabbret il-knisja billi nbnew iż-żewġ kappelluni u l-koppla, li għal dawk iż-żminijiet kienet unika. Għal ħabta tal-1606, iż-żewġ irħula żgħar ta' Ħal Bordi u Ħal Mann, billi kienu eqreb lejn Ħal Lija, kienu talbu biex jingħaqda mar-raħal. U hekk ġara.

Dun Mario Grech dam kappillan ta' Ħal Lija għal 44 sena. Miet meta kellu qrib it-68 sena, nhar il-31 ta' Mejju 1638.

Ħal Lija damet mingħajr kappillan fuq tlett xhur, meta ġie nominat bħala t-tieni, u l-ewwel kappillan ta' raħal twelidu, lil Dun Ġwann-Dumink Attard, iben arkitett u inġinier famuż Ġanni Attard. Dan l-arkitett kien imsejjaħ mill-Gran Mastru Wignacourt biex ikompli fejn ħallew l-inġinieri li kien ġab biex imexxu il-proġett tal-ilma. Billi Bontadini u Mesuccio ma' wrewx ħeġġa biżżejjed, il-Gran Mastru kien talab lil Ġanni Attard biex jagħmel il-pjanti meħtieġa – li kienu l-ħnejjiet li jidhru tul l-Imrieħel – biex iniżżel l-ilma mill-Imdina sal-Belt Valletta. Jidher ukoll li ż-żewġ inġiniera stranġieri kellhom jimxu fuq dawn il-pjanti li kien għamel l-inġinier Attard.

Ġwann Dumink twieled nhar id-29 ta' Settembru 1614 u tgħammed dak inhar stess. Bħala parrinu kellu lil Eremit Ġwanni Beneguas benefattur tal-Grotta ta' San Pawl. Mill-ewwel wera li kien inklinat għas-saċerdozju, tant li nhar it-18 ta' Diċembru 1634, ta' 20 sena ġie mogħti l-ewwel tonsura klerikali mill-Mons Montana. Mill-bidu were li ser ikun kjeriku intelliġenti, tant li intbgħat Ruma, minn fejn ħa l-lawrja fil-liġi civili u ekkleżjastika fit-12 ta' Marzu 1637. Ftit wara ggradwa fit-teoloġija.


A. D. 1614; die vero vigesima nona (29) Septembris
Ego, Parochus Marius Grech, baptizavi
infantem natum ex conj:

**Fig. 1** ***Estrat mir-reġistru tal-Magħmudija tal-Parroċċa ta' Ħal Lija li turi it-twelid tat-tfajjel Ġwann Dumink Attard***

Biex wieħed seta' jieħu l-Ordni Sagri, wieħed ried jippreżenta l-patrimonju tiegħu. Dan ifisser li ried juri l-ġid li kellu u dak kollu meħtieġ. Dan kien isir sa ftit snin ilu, għaliex jien niftakar li wieħed ried ikollu dak kollu meħtieġ inkluż anke fejn joqgħod, u li ried ikun ħieles minn kull difett fiżiku. Intant fil-11 ta' Diċembru 1637, l-Isqof aċċetta l-patrimonju li Ġwann Dumink ippreżenta, u fid-19 ta' Diċembru, l-Isqof Belaguer ordnah suddjaknu fil-parroċċa tal-Birgu. Sena wara, fis-16 ta' Settembru 1638, meta kien għad kellu 24 sena, Dun Ġwann-Dumink ħa l-pussess bħala t-tieni kappillan ta' Ħal Lija, sentejn qabel ma kien ħa l-quddiesa. Jumejn wara il-poplu ta Ħal Lija attenda għall-ordinazzjoni saċerdotali tal-istess kappillan, u wieħed mill-istess raħal.

Dun Ġwann Dumink dam kappillan Ħal Lija għal sitt snin, fejn ħa ħsieb li fil-knisja tas-Salvatur il-Qadim isir il-kampnar meħtieġ. Hu kien diġà wera li kien qassis tassew intelliġenti. Iżda fost il-ferħ tal-poplu għall-ħatru tiegħu, kien hemm in-niket ukoll għaliex were x-xewqa li jbiddel il-parroċċa. F'moħħu kellu dik tal-Isla, għaliex jidher li tkun kappillan f'dik il-parroċċa kienet xi ħaġa prestiġjuża. Għalhekk, meta ħareġ id-digriet nhar id-19 ta April 1644, biex jimtela' l-post vagant, Dun Ġwann Dumink tefa' n-nomina tiegħu flimkien ma' xi tlettax-il kontestant, li wkoll kienu intelliġenti, kif ukoll kien hemm min kellu esperjenza aktar minnu fil-parrokat. Iżda lejn l-aħħar tas-sena 1644, il-Papa Innoċens X ikkonferma l-għażla tiegħu u nhar it-28 ta' Jannar 1645 ħa l-pussess bħala l-ħames kappillan tal-Isla.

Il-ħajja fl-Isla kient differenti ħafna minn dik ta' Ħal Lija, għaliex billi tinsab fil-Port il-Kbir, in-nies ta' dawk l-inħawwi kienu dejjem imbeżżgħin minn xi ħbit tal-korsari, billi x-xniegħat qatt ma nqatgħu u l-biża' dejjem kien hemm. Dan barra l-faqar li kien jeżisti, u l-problemi soċjali li dejjem ried isaqqaf wiċċu magħhom. Ma rridux ninsew li l-kappillan, dawk iż-żminijiet kien jagħmilha ta' kollox, u l-piż fuq spallejh kien iebes.

Tajjeb hawnhekk insemmu li kien minn tal-ewwel li ħa ħsieb jintroduċi, kif kien ordnat fil-Konċilju ta' Trentu, ir-reġistri tal-magħmudija, taż-żwieġ u tal-mewt. Barra minn hekk, mill-vista li kien għamel Mons Belaguer, kien ta stampa ċara tal-qagħda tal-Isla f'dawk iż-żminijiet. Għalhekk Dun Ġwann kellu jmidd għonqu għal ħafna xogħol soċjali u parrokkjali. Minkejja din il-miżerja, il-ġenerożità tal-poplu kienet kbira, tant li ħeġġitu biex jagħti bidu għall-bini ta' knisja ġdida, jieħu ħsieb l-opri li kienu nieqsa, skont ir-rapport tal-vista pastorali. Il-knisja bdiet tinbena fis-sena 1650 u tlestiet 7 snin wara. *(Għal aktar dettalji dwar dak kollu fuq l-Isla wieħed jista' jirreferi għat-tlett volumi li kiteb fuq din il-belt, Patri Alexandr Bonnici).*

*" Dun Ġwann Dumink dam kappillan Ħal Lija għal sitt snin, fejn ħa ħsieb li fil-knisja tas-Salvatur il-Qadim isir il-kampnar meħtieġ "*

*"Mons Attard ġie magħżul minn fosthom bħala il-vigarju kapitulari fejn dam għal erba' snin imexxi proviżorjament id-djoċesi Maltija"*

Mela kif rajna, Dun Ġwann għadda l-parrokat tiegħu l-Isla bejn ħidma sfiqa pastorali kif ukoll soċjali. Għalhekk wara li ntemm il-bini tal-knisja, ħaseb biex jirtira, u l-mira tiegħu, kif jidher, kienet dejjem li jitla' 'l fuq fil-ġerarkija tal-knisja Maltija. U dan seta' jseħħ biss, meta fost il-monsinjuri tal-katedral, kien hemm ċertu Mons Franġisk Azzopardi li minn dejjem xtaq li xi darba jkun il-kappillan tal-Isla. Fitxew lil xulxin, u ftehmu bejniethom biex jitolbu l-awtoritajiet tal-knisja bil-ħsieb tagħhom. Għalhekk, meta kien hemm il-kunsens mill-awtoritajiet tal-knisja, Dun Ġwann Attard ħa l-pusses ta' Monsinjur tal-Katedral nhar l-20 ta' April 1660 meta kien għad kellu 46 sena. Jidher li Mons Attard kien stmat ħafna minn sħabu l-monsinjuri. Dan jixhed il-fatt li meta miet l-isqof Belaguer fl-1663, Mons Attard ġie magħżul minn fosthom bħala il-vigarju kapitulari fejn dam għal erba' snin imexxi proviżorjament id-djoċesi Maltija.

Matul dan iż-żmien għamel ukoll żjajar pastorali, fejn daħħal ħafna dixxiplina fost il-kleru biex il-legati jiġu amministrati kif jixraq. Mons Attard kien Imħallef u eżaminatur sinodali kif ukoll Konsultur tas-Sant'Uffizju f'Malta. Fl-1664 Mons Attard waqqaf, u kien l-ewwel moderatur tas-Sodalità tal-kleru. Qabel miet, Mons Attard ħa ħsieb li jagħmel l-iskrizzjoni fuq il-qabar tal-ġenituri tiegħu li, speċjalment missieru kien għamel unur kemm lir-raħal fejn twieled kif ukoll lill-Malta.

Mons Ġwann Duminc Attard miet nhar il-5 ta' Awwissu, lejliet il-festa tas-Salvatur u ndifen il-katedral tal-Imdina. Huwa meqjus bħala ċittadin li għamel ġieħ lil Malta, kif ukoll bħala bniedem ta' għerf kbir u wild den ta' Ħal Lija. Naħseb li l-monsinjur jixraqlu li jkun imfakkar b'monument fil-pjazza tar-raħal.

Nittama!!!


Adi 5. Agosto 1680

Il Rev.mo e Ill.mo Sig.r Canonico D. Domenico Attard doppo haver hauto tutti i sacramenti reso lo spirito a Dio fu sepellito nella Chiesa Catt.le della Città Notabile

Adi 6. d.o

***Fig. 2*** ***estrat mil-Liber Defunct. tal-Katedral tal-Imdina fejn Mons Dun Ġwann Dumink hu midfun***